*-DISPREZZ LEJN L-AWTORITA' TAL-QORTI -*

*-TITOLU XVII; ART.997, 1002 TAL-KAP 12 -*

*- ART. 11 (3) U 14 TAL-KAP 9 -*

*-RIMEDJU GHAL KSUR TA' ORDNI TA' MANDAT TA' INIBIZZJONI -*

*- ART. 873 (4) TAL-KAP 12 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju 2001**

**Kawza Numru: 40**
**Citazzjoni Numru: 324/95/RCP**

**L-Avukat Dottor Louis Vella f'ismu proprju u f'isem l-assenti ohtu Josephine mart Sidney Cass; Frederick Vella f'ismu proprju u f'isem l-assenti ohtu Matilde mart Walter Simler, Marie Therese mart Frank X Fenech, Pantaleone u Arthur, ahwa Vella, u digriet tal-14 ta' Gunju 2000 il-Qorti ordnat it-trasfuzzjoni tal-gudizzju minn Pantaleone Vella fl-ismijiet ta' Dottor. Joseph, Anna**

**mart it-tabib Dottor Raymond Fenech, il-Perit A.I.C. Godfrey, Mark, it-Tabib Dottor Denis u l-Avukat Dottor Robert, ahwa Vella-Baldacchino.**

**vs**

**Joseph Gatt**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi peress li din il-Qorti fuq it-talba tal-atturi harget Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-konvenut (numru 1059/94 esegwit fit-22 ta' Gunju 1994) li bih inibietu milli jkompli jibni il-bini li kien ittella' fuq l-arja tar-residenza tieghu f'Moroni Street, Gzira, in partikolari fil-parti li hemm kontestazzjoni dwarha, mertu tal-kawza fl-istess ismijiet (Citaz. Numru 1219/91/AJM) differita ghar-rapport ghall-5 ta' Mejju 1995; u illi, kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, il-konvenut injora ghal kollox l-ordni ta' din il-Qorti u baqa' u ghadu sejjer bil-bini in kwistjoni; u illi dan l-agir illegali u abbusiv tal-konvenut jikkostitwixxi att serju u kontinwat ta' disprezz lejn l-awtorita' ta' din il-Qorti.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara li l-konvenut kiser l-ordni ta’ din il-Qorti kif kontenut fil-Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1059/94, mahrug minn din l-istess Qorti u esegwit fit-22 ta’ Gunju 1994;

(2) Issib ghalhekk lill-konvenut hati ta’ att serju u kontinwat ta’ disprezz lejn l-awtorita’ tal-istess Qorti;

(3) Konsegwentement tikkomina kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi f’kaz ta’ disprezz simili, b’mod li tassigura li l-istess konvenut joqghod ghall-ordni lilu moghti permezz tal-mandat ta’ inibizzjoni fuq riferit.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process;

Rat ir-rikors tal-atturi sabiex din il-Qorti tordna il-konnessjoni tal-kawzi presenti u dik fl-istess ismijiet Citaz. Numru 1219/91/AJM u d-Digriet ta’ din il-Qorti fejn giet michuda it-talba tar-rikorrenti stante li *ai termini* tal-artikoli 792 u 793 tali talba kienet manifestament irritwali.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 9 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol 9 u 10 tal-process fejn l-istess konvenut ghamel riferenza ghar-risposta pprezentata minnu fl-atti tar-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1059/94, u li l-esponenti ghandu raguni valida biex jikkontesta d-domandi attrici.

Rat il-verbal tal-10 ta' Mejju 1995 fejn Dr Tonio Azzopardi ghall-konvenut prezenti nforma lill-Qorti li ghandu eccezzjoni ulterjuri x'jipprezenta. Il-Qorti laqghet it-talba u ddiferiet il-kawza ghas-26 ta' Gunju 1995.

Rat in-nota spjegativa tal-konvenut tat-12 ta' Mejju 1995 (fol 13 u 14 tal-process) fejn sostna li:

(1) Illi l-atturi qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti biex "*issib … lill-konvenut hati ta' att serju u kontinwat ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti*" u (it-tieni talba), u *"tikkomina kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi f'kaz ta' disprezz"* (it-tielet talba). Ghalhekk, indubjament, l-azzjoni prezenti hija wahda li, jekk tirrizulta fondata, tista' twassal biex tigi inflitta piena, anke ta' detenzjoni.

(2) Illi konsegwentement, minhabba n-natura ta' l-azzjoni, l-eccipjenti ghandu d-dritt li jezercita d-dritt tas-silenzju jew *privilege against self-incrimination,* li huwa dritt

garantit mill-Kostituzzjoni ta' Malta, u jhalli lill-atturi jressqu l-provi li ghandhom fir-rigward.

(3) Illi dan ifisser:-

(a) Li l-eccipjenti ghandu d-dritt jaghti eccezzjoni sempliciment ta' kontestazzjoni u jhalli lill-atturi jressqu l-provi dwar l-addibitu ta' htija, kif fil-fatt ghamel l-esponent bl-eccezzjoni sempliciment ta' kontestazzjoni tieghu; u

(b) li l-atturi m'ghandhomx id-dritt itellghu fuq il-pedana tax-xhieda lill-eccipjent in subizzjoni. Minhabba in-natura ta' l-azzjoni odjerna, l-eccipjenti jixhed biss minn jeddu, u ma jistax jigi mgieghel li jixhed jew jirrispondi, mistoqsijiet inkriminanti.

L-esponent jissottometti umilment li dan id-dritt kostituzzjonali ghandu jigi rispettat.

Rat il-verbali tas-26 ta' Gunju 1995, tad-9 ta' Frar 1996 fejn xehed Dr Louis Vella, tal-21 ta' Gunju 1996 fejn kompla jixhed Dr Louis Vella.

Rat in-nota tal-atturi fejn permezz taghha pprezentaw affidavit ta' Dr' Louis Vella a fol 40 sa 42 tal-process.

Rat il-verbali tal-11 t'Ottubru 1996 fejn Dr. Louis Vella iddikjara li ma ghandux provi izjed u tad-19 ta' Frar 1997

fejn il-Qorti awtorizzat lill-konvenut sabiex jippresenta x-xhieda tieghu bil-procedura tal-affidavits.

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-20 ta' Mejju 1997 (fol 46 u 47 tal-process) fejn talab li din il-Qorti tissoprassjedi sakemm jigi maghruf l-ezitu tal-kawza fl-istess ismijiet Citaz. Numru 1219/91/NA.

Rat il-verbal tal-21 ta' Mejju 1997 fejn il-Qorti ddiregiet lill-atturi li huma ghandhom jesebixxu kopja legali tal-Mandat ta' Inbizzjoni in kwistjoni u tirrizerva li tipprovdi dwar ir-rikors tal-konvenut wara li ssir l-esebizzjoni ta' dan il-mandat. Il-kawza giet differita ghat-30 ta' Gunju 1997.

Rat in-nota tal-atturi tas-26 ta' Mejju 1997 (fol 50 sa 62).

Rat in-nota tal-konvenut tas-27 ta' Gunju 1997 fejn esebixxa l-affidavit tieghu datat 27 ta' Gunju 1997 a fol 63 sa 68 tal-process).

Rat il-verbal tat-30 ta' Gunju 1997 fejn il-Qorti provdiet fuq ir-rikors tal-konvenut billi wara li ezaminat l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni inkwistjoni u wara li kkunsidrat illi l-attur nomine qieghed jallega li l-konvenut ma qaghdx ghad-dettam tad-digriet tal-Qorti u hekk irrenda ruhu hati ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u wara li kkonsidrat li ghalhekk din il-kawza hija ghal kollox distinta u separata minn kull kawza ohra pendenti bejn il-kontenenti, cahdet it-talba. Il-kawza giet differita ghas-17 ta' Novembru 1997

ghall-provi kollha tal-konvenut, wara li l-istess konvenut gie awtorizzat iressaq ix-xhieda ta' Josephine Gatt u ibnu Peter Gatt.

Rat in-nota tal-konvenut tal-10 ta' Novembru 1997 fejn permezz taghha gew esebiti l-affidavits ta' Josephine Gatt datat 10 ta' Novembru 1997 u Peter Gatt datat ukoll 10 ta' Novembru 1997 u dokumenti relattati (fol 72 sa 70).

Rat il-verbali tas-17 ta' Novembru 1997, tat-23 ta' Frar 1998, tas-16 ta' Ottubru 1998, tal-5 ta' Marzu 1999, tat-28 ta' Mejju 1999, tal-14 ta' Jannar 2000, tad-19 ta' Mejju 2000 fejn il-konvenut informa l-Qorti li l-kawza Nru 1219/91 tinsab differita ghall-1 ta' Frar 2000 ghar-rapport, u tad-19 ta' Mejju 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta.

Rat ir-rikors tal-atturi tat-13 ta' Gunju 2000 u d-digriet tal-Qorti tal-14 ta' Gunju 2000 fejn laqghet it-talba u ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju ta' Pantaleone Vella fl-ismijiet tal-eredi indikati fir-rikors.

Rat il-verbal tal-5 t'Ottubru 2000 fejn Dr Louis Vella talab li l-kawza tipprocedi. Dr Tonio Azzopardi ghall-konvenut oppona ghal dan. Id-difensuri trattaw dan il-punt u Dr Azzopardi ddikjara li llum il-bini hu kompletat. Il-Qorti ordnat il-prosegwiment ta' din il-kawza. Il-kawza giet differita ghall-25 ta' Jannar 2001.

Rat il-verbal tal-25 ta' Jannar 2001 fejn xehed il-konvenut Joseph Gatt. Dr Vella oppona ghall-esebizzjoni tac-certifikat tal-Perit Anthony Cassar stante li mhux dikjarat u stante li x-xhud kien jaf bih qabel il-prezentata tal-eccezzjonijiet. Dr Azzopardi insista li jigi esebit dan id-dokument. Il-Qorti cahdet it-talba ghall-produzzjoni ta' dan id-dokument stante li mid-data tieghu tal-24 ta' Ottubru 1994, jirrizulta li l-konvenut kien jaf bih qabel il-prezentata tal-eccezzjonijiet tieghu fid-9 ta' Mejju 1995 u lanqas iddikjara li l-istess Perit fil-lista tax-xhieda tieghu. Xehdu wkoll Josephine Gatt, Peter Gatt, Antoine Gatt u Adrian Gatt. Dr Azzopardi ddikjara li m'ghandux provi aktar u talab li jipprezenta nota. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefegiet terminu lill-konvenut sabiex jippresenta l-istess nota ta' osservazzjonijiet sal-15 ta' Marzu 2001 bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu sal-15 ta' April 2001 sabiex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Mejju 2001.

Rat in-nota tal-konvenut tat-13 ta' Frar 2001 u d-dokument hemm esebit.

Rat ix-xhieda kollha moghtija *viva voce* f'din il-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET**

(A) IL-KAWZA ODJERNA.

Illi din il-kawza saret stante li l-atturi qed isostnu li din il-Qorti fuq talba tal-istess atturi kienet ordnat il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1059/94 kontra l-konvenut, sabiex l-istess konvenut jigi inibit milli jkompli bil-bini li qed jittella' fuq l-arja tar-residenza tieghu f'Morini Street, Gzira, in partikolari fil-parti li hemm in kontestazzjoni dwar il-mertu fil-kawza imsemmija fl-istess rikors promotorju fl-istess ismijiet Citaz. Numru 1219/91/AJM (illum NA), u dan b'digriet moghti mill-istess Qorti datat 20 ta' Gunju 1994, li gie ezegwit fit-22 ta' Gunju 1994, kollox kif jidher minn kopja legali tal-istess atti esebiti minn fol. 51 sa 62 tal-process.

Illi l-allegazzjoni tal-istess atturi hija li nonostante l-istess Mandat ta' Inibizzjoni l-istess konvenut xorta baqa' jibni fuq l-istess residenza tieghu u in partikalori wkoll fuq il-parti kontestata tal-kawza bejn il-partijiet fuq premessa.

(B) IL-PROVI PRODOTTI.

Illi in effetti jirrizulta mix-xhieda ta' **Dr. Louis Vella** li sakemm gie ezegwit il-Mandat ta' Inibizzjoni fuq il-konvenut, il-bini kien tela' sal-bidu tat-tieni sular, il-*ground floor,* l-ewwel sular, u l-bidu tat-tieni sular, izda wara l-

istess esekuzzjoni l-konvenut baqa' jibni skond il-kuntratt ta' appalt li huwa kellu ma Sammut & Grech ghall-bini ta' erba' appartamenti fuq erba' (4) sulari skond kif jirrizulta minn Dok. XXY a fol. 37 tal-process, u skond il-permess tal-bini tieghu esebit bhala DOK. XXZ a fol. 38 tal-process, tant li fit-3 ta' Ottubru 1994 l-attur sostna li huwa mar fuq il-post u ra lill-haddiema jahdmu meta il-bini kien ghadu gebel u saqaf.

Illi l-istess attur kompla jghid fl-affidavit tieghu tad-19 ta' Settembru 1996, li huwa mar diversi drabi fuq il-post wara it-22 ta' Gunju 1994 u sab li l-bini tal-konvenut *"baqa' tiela' bla waqfien sakemm illum kwazi tlesta ghal kollox, anki bhala 'finishing'.*

Illi fil-fatt l-istess attur sostna testwalment fl-istess affidavit illi:-

*"Infatti meta spezzjonajt l-bini in kwistjoni fit-3 ta' Ottubru 1994 sibt li l-konvenut kien tella' kwazi zewg sulari appartamenti fuq l-arja tar-residenza 'bungalow' tieghu f'Moroni Street, Gzira. Fit-8 ta' Marzu 1995 innutajt li kienu tlestew zewg sulari ohra u fl-10 ta' Gunju 1995 sibt li kien sar l-ahhar sular 'penthouse'. B'hekk jigi li b'kollox il-konvenut, minkejja l-ordni ta' inibizzjoni, tella' hames sulari 'flats' fi zmien ta' cirka sena u sussegwentement baqa' u ghadu sallum sejjer bix-xoghol tal-'finishing' kif ikkonstatajt fil-5 ta' Settembru 1996".*

Illi l-istess attur kompla jghid li l-istess konvenut kien ammetta li tali xogholijiet kienu saru fuq inkarigu tieghu fl-accessi li saru fuq il-post mill-periti teknici u gudizzjarji fil-kawza dwar il-mertu u dan fis-7 t'April u 25 ta' Mejju 1995.

Illi min-naha l-ohra **l-konvenut Joseph Gatt** sostna li huwa xtara l-art li fuqha sar il-bini, fit-12 ta' Frar 1980, u informa lill-attur Dr. Louis Vella, li kien komproprjetarju ta' art adjacenti, li kien qabbad perit sabiex jimmarka l-konfini, pero' l-attur ma attendiex, wara wkoll li ma qabblux prezz ghall bejgh tal-art tal-atturi. Allura tella l-hitan mal-hajt tal-bitha ta' Dr. Vella u ma dak tal-gnien ta' Mr Agius, izda wara sentejn f'Marzu/April 1982 meta l-haddiema kienu qed jaghmlu xoghol fuq il-pedamenti tal-hames garaxx, l-attur Dr. Louis Vella kien mar waqqaf il-haddiema ghaliex allega li kienu dahhlu fuq il-proprjeta' tieghu, izda skond hu Dr. Louis Vella qatt ma indika bi pjanta l-pretensjonijiet tieghu dwar l-istess konfini.

Illi wara ittra ufficjali sar inkontru bejn l-istess partijiet u Dr. Tonio Azzopardi fejn Dr. Louis Vella sostna li l-linja divizzorja kienet kontinwazzjoni tal-hajt ta' wara tal-bitha tad-dar ta' Joseph Vella, izda l-konvenut ghalkemm qabel ma dan sostna li dan japplika biss kif suppost jinbena l-hajt, u dan ghaliex l-bitha tal-istess Joseph Vella dahlet fuq proprjeta' tal-konvenut u l-awturi tieghu. F'Mejju 1994 l-konvenut dahal jghix fid-dar li bena fuq l-istess art, u f'Gunju/Lulju 1994 tlesta it-tieni sular (*first floor*). Kif inbeda s-sular l-iehor (*second floor*) ircieva il-Mandat ta' Inibizzjoni

premess, u kompla biss il-bini fuq dan is-sular izda fejn ma kienx hemm problema. F'Settembru/Ottubru 1994 beda l-bini tat-*third floor* fuq in-naha ta' fejn ma kienx hemm problema, u waqqaf il-bennej.

Illi minhabba dan il-waqfien kull darba li kienet taghmel ix-xita l-ilma kien jidhol minn kullimkien u l-post garrab hsarat konsiderevoli anke fl-ghamara u s-sistema elettrika, li gabet anke mard fil-familja, tant li dan effettwa l-familja anke psikologikament, u darba minnhom waqt ix-xita meta ibnu mar biex jixghel is-switch tad-dawl faqghet is-*salva vita*, u kien ghalhekk li l-istess tifel ma hax xokk, u ghalhekk ma kienx hemm soluzzjoni ohra skond huwa hlief li jkompli bil-bini sabiex iwaqqaf l-istess perikolazzjoni ta' ilma u perikolu, u ghalhekk kompla jibni, wara li accerta ruhhu ma Scicluna's Estate minghand min xtara li kien bena sewwa.

Illi din ix-xhieda tinsab korroborata minn **Josephine Gatt** fl-affidavit taghha tal-10 ta' Novembru 1997 a fol. 73 tal-process, fejn sostniet biss li kienu it-tfal li bnew jinbu l-bini taghhom, u mill-affidavit ta' Peter Gatt tal-istess data a fol. 75 tal-process fejn sostna li wara l-incident imsemmi tas-switch tad-dawl *"wasalna f'decizzjoni li m'hemmx triq ohra biex nehilsu mill-perikolu u l-inkonvenjent ghajr li jkomplu u nispiccaw x-xogholijiet".*

Illi dan kollu gie ikkonfermat mix-xhieda tal-istess konvenut u l-familjari tieghu *viva voce* inkluzi mart il-konvenut

**Joseph Gatt, Antione Gatt, Adrian Gatt u Peter Gatt** quddiem il-Qorti fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2001, fejn sostnew li qabel il-Mandat ta' Inibizzjoni x-xoghol kien ghadu fit-tieni sular, fil-livell ta' erba' filati u qabel ma komplew ix-xogholijiet wara l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ebda stadju ma ghamlu rikors lejn il-Qorti u dan sakemm lestew il-bini fi Frar 1995, u ma jiftakarx jekk kienx kellem avukat u sostna is-segwenti:-

*"Domanda tal-Qorti:- Il-Mandat taf taqrah?*

*Xhud:- Iva ehe. Dan l-ahhar xi hadd saqsieni u qalli "ghamilt rikors?" Ghidt, "kieku ghamilt rikors u l-Qorti regghet cahditili kont inhossni aktar ha nisfida l-Qorti jekk jigri li jigri u inkompli nibni ghaliex jiena hassejt li dak il-kaz li kien hemm, ghalkemm il-Qorti nirrispettaha ghadni nahdem mal-Qorti sa issa, li ghalkemm mort kontra l-Qorti imma inhoss li ipproteggejt il-familja".*

Illi in kontro-ezami mistoqsi jekk billi jibni t-tieni sular u jaghmel *waterproofing* kienx izzomm l-ilma milli jidhol f'daru sostna li "*xorta kien jibqa' ghaddej fuq ix-xoghol fuq - ordni tal-Qorti".* Sostna wkoll li kompla l-istess xogholijiet anke fil-mori ta' din il-kawza.

Illi fix-xhieda ta' **Peter Gatt** tal-istess data tal-10 ta' Jannar 2001 apparti li spjega l-perikoli kollha riferiti mix-xhieda l-ohra sostna wkoll li l-post jinsab *finished* u hemm parti mill-appartamenti mikrija, tlieta minnhom lin-nies barranin.

Illi **Adrian Gatt** sostna wkoll li l-bini gebel u saqaf spicca fi Frar 1995 u l-kontra-bejt sar f'Settembru 1995, u l-aperturi tlestew fin-1997, u ix-xoghol ghadu ghaddej sallum; ghall-ewwel ma sarx bini fuq il-parti in kontestazzjoni, izda wara peress ma kienitx *feasible* sar il-bini anke hemm.

(c) IN-NATURA TAL-AZZJONI TA' DISPREZZ.

Illi tajjeb li jigi rilevat illi l-kawza odjerna titratta dwar kawza ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Bhala tali taqa' taht id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 988 sa 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** u dwar il-principji li jirregolaw l-istess istitut qed issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Registratur tal-Qorti Superjuri vs Dolores sive Didi Busietta"** deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fit-18 ta' Ottubru 2000 (Citaz. Numru. 1914/98/RCP).

Illi fl-istess sentenza giet citata d-decizzjoni "**Catherine Portelli vs Joseph Cachia et noe**" (A.K. 28 ta' Jannar 1991) fejn inghad li tali artikoli huma intizi sabiex:-

"*Tiddisponi li certi atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u tippreskrivi l-pieni li ghandhom jigu nflitti fuq min jinsab li jkun ikkommetta xi att minn dawk. F' dawn il-kazijiet il-ligi tispecifika l-pieni tac-canfira, ta' l-ammenda jew multa, jew tad-detenzjoni preskritti mill-Kodici Kriminali. Mill-premess jidher car li dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess procediment gie introdott b'*

*citazzjoni, cioe` l-att li ordinarjament jintuza f' azzjonijiet civili, u ma jnehhi xejn minn natura kriminali. Ic-citazzjoni f' dan il-kaz ma hija xejn hlief it-tahrika ta' "l-akkuzat" biex jidher biex iwiegeb ghall-akkuza* ***(Artikolu 998 tal-Kap 12)***."

Illi wkoll jinghad li l-procediment odjern huwa skond is-sentenza "**Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri**" (P.A. C.C 9 ta' Novembru 1990):-

"*Stabbilit mill-ligi, aktar milli bl-iskop li tigi kustodita d-dinjita` tal-Qorti, biex tigi tutelata l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja*."

Illi ovvjament dawn ir-regolamenti huma mehtiega sabiex tinzamm l-ordni tant li l-Qorti fis-sentenza taghha **"Il-Qorti vs George Galea"** (A.C. H.H. 14 ta' Marzu 1988. LXXII.ii.228) sostniet:-

*"li jehtieg li kulhadd jifhem tajjeb li biex tinzamm il-buon ordni f'socjeta' hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Il-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jinjora l-inibizzjoni tal-Qorti, qallu x'qallu haddiehor".*

Illi dan ifisser li tali regolamenti qeghdin hemm sabiex b'mod effettiv jigi accertat li hadd ma jista' jmur kontra l-ligi, u mill-provi prodotti jirrizulta bl-iktar mod car illi l-konvenut ghar-ragunijiet li huwa ittenta jindika kompla jibni fuq l-istess proprjeta' u b'hekk mar kontra l-ordni tal-Qorti.

(D) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>

Illi fil-fatt minn imkien ma jirrizulta li l-konvenut qed jikkontesta li l-agir tieghu kien bi ksur tal-istess ordni tal-Qorti, izda qed isostni li huwa kien kostrett jaghmel almenu parti mix-xogholijiet stante li kien qed jidhol kwantita' ta' ilma fir-residenza tieghu minhabba ix-xoghol mhux kompletat fil-livel sovrastanti, u dan kien qed jikkawza hsara lill-istess proprjeta', lill-mobbli u anke lis-sahha tal-istess familjari tieghu, u wkoll perikolu serju minhabba l-hsara li kienet qed issir fis-sistema elettrika tal-istess residenza tieghu.

Illi dan gie wkoll ikkonstatat mill-*video* esebit mill-istess konvenut, fejn jidher car li l-istess konvenut u l-familjari tieghu kienu qed jghixu f'kondizzjonijiet hziena, minhabba l-kwantita' relattivament konsiderevoli ta' ilma li kien qed jinzel fl-istess fond abitat mill-konvenut.

Illi pero' dana kollu ma jiggustifikax l-agir tal-konvenut, stante li fl-ebda stadju l-istess konvenut ma talab lill-Qorti ir-revoka tal-istess Mandat ta' Inibizzjoni, u lanqas inizja l-ebda procedura sabiex tali eventi minnu deskritti jigu a konjizzjoni tal-Qorti, u certament li dan huwa fatali ghat-tezi tal-istess konvenut.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, kien hemm diversi triqat li l-konvenut setgha jiehu sabiex jevita tali perikolu minbarra dik li jmur kontra l-ordni tal-Qorti, u dawn kollha permezz ta' proceduri gudizzjarji, izda l-istess konvenut ma ghamel

xejn minn dan, u ghazel li palezament u konxjentament jikser l-ordni tal-Qorti, u dan huwa iktar gravi meta ix-xogholjiet li saru mill-konvenut ma sarux biss sabiex jigi eliminat il-perikolu, izda wkoll sabiex jittkomplew ix-xogholijiet kollha koperti bil-permess tal-istess konvenut, tant li l-bini kollu illum jinsab lest, ghandu mill-inqas erba' sulari, *finished* u hemm terzi persuni li addirittura jabitaw fl-appartamenti hekk mibnija.

Illi certament li dan kollu jikkostitiwixxu disprezz serju lejn l-Awtorita' tal-Qorti stante li jidher car li tali xogholijiet gew maghmula fuq ordni tal-konvenut jew wahdu jew flimkien ma uliedu, u fic-cirkostanzi thoss li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

Illi lanqas jirrizulta mill-atti li l-istess konvenut talab xi forma ta' skuza lill-Qorti, kemm fl-eccezzjonijiet taghha, kemm fit-trattazzjoni tal-abbli difensur tieghu, kif ukoll waqt ix-xhieda taghha, ghalkemm *"hija gurisprudenza konstanti li ghalkemm il-htija tibqa', it-talba ghall-iskuza tista' timmitiga l-htija ta' min jikkometti att ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti" (***"Il-Qorti vs George Galea"***- A.C.14 ta' Marzu 1988 - LXXII.ii.226; **"Qorti vs Caterina Cachia"** - 9 ta' Marzu 1950 - K. 9.03.1950 - XXXIV.iii.783), pero' fil-konsideranza tal-piena li ghandha tigi applikata f'dan il-kaz, din il-Qorti ser tiehu konsiderazzjoni tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u s-sitwazzjoni difficli li l-istess konvenut kien qed jghix fiha almenu sa Ottubru 1994, li kienet certament ta' certu perikolu ghalih u ghall familjari tieghu, ghalkemm dan ma jfissirx li l-azzjoni li ha qed tigi b'xi mod gustifikata.

Illi huwa abbazi ta' dan li din il-Qorti wara li hasbet fit-tul thoss li ghandu jkun hemm mitigazzjoni tal-piena b'dan li ma tapplikax il-piena ta' detenzjoni fil-konfront tal-konvenut, u minflok tikkundanna lill-konvenut ihallas fi zmien hmistax (15) il-gurnata mid-data ta' din is-sentenza is-somma ta' hames mitt lira (Lm500) fir-Registru ta' din il-Qorti, u fin-nuqqas ta' tali hlas fit-terminu hawn imsemmi, l-multa tigi konvertita *ai termini* tal-**artikolu 1002 tal-Kap 12, u l-artikoli 11 (3) u 14 tal-Kap 9** fi prigunerija ghall-zmien hmistax (15) il-gurnata.

Illi kwantu ghat-tielet talba din qed ukoll tintlaqa' bil-mod fuq premess, stante li abbazi tal-**artikolu 997 tal-Kap 12,** l-unika pieni li jistghu jigu applikati mill-Qorti fil-kaz ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti hemm indikat huwa proprju *"il-piena ta' l-ammenda, jew tal-multa, jew tad-detenzjoni".*

Illi jigi hawn rilevat li din il-kawza ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti hija kawza *ad hoc* u kompletament indipendenti mill-azzjoni fuq il-mertu anke dik pendenti bejn il-partijiet jew l-mertu tal-istess mandat ta' inibizzjoni u fil-fatt ghalhekk din il-Qorti diversament presjeduta, gustament fl-opinjoni ta' din il-Qorti, cahdet ir-rikors tal-atturi ghall-konnessjoni ta' din il-kawza u dik pendenti bejn il-partijiet kif fuq citata skond digriet datat 13 ta' April 1995, u sussegwentement cahdet talba mill-konvenut ghal

soprasessjoni pendenti l-kawza fuq il-meritu b'digriet tat-30 ta' Gunju 1997.

Illi fil-fatt kull azzjoni ohra li tista' tittiehed kontra l-persuna li tkun injorat l-effett tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra taghha, tista' ssir mhux permezz ta' din il-procedura odjerna ibbazata fuq disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti preskritti taht it-**Titolu XVII tal-Kap 12**, izda tramite il-procedura kontemplata anke fl-**artikolu 873 (1) tal-Kap 12,** li ovvjament hija ben distinta mill-azzjoni odjerna.

Illi ghalhekk l-azzjoni attrici qed tintlaqa biss *ai termini* tad-disposizzjoni tat- **Titolu XVII tal-Kap 12** u senjatament skond dak stipulat fl-**artikolu 997 tal-istess Kap 12.**

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, **tilqa' it-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li l-konvenut kiser l-ordni ta' din il-Qorti kif kontenut fil-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1059/94, mahrug minn din l-istess Qorti u esegwit fit-22 ta' Gunju 1994;

(2) Issib ghalhekk lill-konvenut hati ta' att serju u kontinwat ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-istess Qorti;

(3) Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas fi zmien qasir u perentorju ta' hmistax (15) il-gurnata mid-data ta' din is-sentenza, is-somma ta' hames mitt lira (Lm500) fir-Registru ta' din il-Qorti b'dan li fin-nuqqas ta' tali hlas tal-istess somma ta' hames mitt lira (Lm500) fit-terminu hawn perentorjament imsemmi fl-istess Registru ta' din il-Qorti, l-multa tigi konvertita *ai termini* tal-**artikolu 1002 tal-Kap 12, u l-artikoli 11 (3) u 14 tal-Kap 9** fi prigunerija ghall zmien hmistax (15) il-gurnata.

Illi il-Qorti tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direuttur Generali tal-Qorti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Mejju 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Mejju 2001.**